

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

P6\_TA(2007)0164

## In-Negozjati ta' kuntratt ta' konċessjoni Galileo

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' April 2007 dwar in-negozjati ta' kuntratt ta' konċessjoni Galileo

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' l-iskjerament u l-fażijiet operattivi kummerċjali tal-programm Ewropew tal-programm ta' radju navigazzjoni bis-satellita (COM(2004)0477), u l-pożizzjoni tiegħu adottata fl-ewwel qari fis-6 ta' Settembru 2005 <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni għal regolament tal-Kunsill li jemenda l-Istatuti ta' l-Intrapriża Konġunta Galileo annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 876/2002 (COM(2006)0351), u l-pożizzjoni tiegħu ta' l-24 ta' Ottubru 2006 <sup>(2)</sup>,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1321/2004 tat-12 ta' Lulju 2004 dwar it-twaqqif ta' strutturi għall-immaniġġjar tal-programmi Ewropej tar-radju navigazzjoni bis-satellita <sup>(3)</sup> u l-proposta mill-Kummissjoni għal regolament tal-Kunsill li jemenda dan ir-Regolament (COM(2005)0190), u l-pożizzjoni tiegħu tat-12 ta' Ottubru 2006 <sup>(4)</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Settembru 2006 dwar analiżi ġenerali tal-Programm Galileo <sup>(5)</sup>,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill għat-Trasport, it-Telekomunikazzjonijiet u l-Enerġija (TTE) dwar l-istat tan-negozjati tal-kuntratti ta' konċessjoni tat-22 ta' Marzu 2007,
- wara li kkunsidra d-dokumenti rilevanti ppreżentati lill-Ministri TTE, bħall-ittra mill-Viċi President Barrot tal-Kummissjoni rigward l-istatus tan-negozjati ta' konċessjoni u r-rapport mill-President attwali tal-Kunsill rigward il-kwistjonijiet pendenti elenkati mill-konsorzju li għamel l-offerta,
- wara li kkunsidra l-mandat doppju mogħti mill-Kunsill TTE lill-Viċi President Barrot tal-Kummissjoni biex jippreżenta lill-laqgħa tal-Kunsill ta' Ġunju 2007 proposti biex jiżguraw l-oġġettivi finanzjarji pubbliċi fuq perjodu ta' żmien fit-tul u għal possibiltajiet alternattivi, fil-każ ta' falliment, biex ikomplu negozjati effettivi u b' limitu ta' żmien li jorbot mal-konsorzju li għamel l-offerta,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

1. Itenni l-appoġġ tiegħu għall-Programm Galileo, inklużi s-servizzi ta' navigazzjoni bis-satellita EGNOS bħala prekursor ta' Galileo, iżda huwa mħasseb serjament bil-fatt li n-negozjati ta' konċessjoni waqfu għal bosta xhur u li dewmien bħal dan se jkollu impatt sinifikattiv fuq l-ispiża ġenerali;

2. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Settembru 2006, li stiednet lill-partijiet ikkonċernati fin-negozjati biex jilħqu ftehim b'mod kostruttiv; għalhekk, jilqa' l-ittra tal-Viċi President tal-Kummissjoni responsabbli mill-Programm Galileo u l-konklużjonijiet tal-Kunsill TTE tat-22 ta' Marzu 2007, u jenfasizza l-importanza tal-partijiet ikkonċernati li jimplementaw id-deċiżjonijiet milħuqa f'Diċembru 2005 (l hekk imsejħa ftehim van Miert);

<sup>(1)</sup> ĠU C 193 E, 17.8.2006, p. 61.

<sup>(2)</sup> Testi Adottati, P6\_TA(2006)0423.

<sup>(3)</sup> ĠU L 246, 20.7.2004, p. 1.

<sup>(4)</sup> Testi adottati, P6\_TA(2006)0401.

<sup>(5)</sup> Testi adottati, P6\_TA(2006)0385.

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

3. Jinnota li l-Kunsill, il-Parlament, il-Kummissjoni u l-korpi konsultattivi ta' l-UE jappoġġjaw b'mod qawwi l-mandat ċar mogħti lill-Viċi President tal-Kummissjoni responsabbli mill-Programm Galileo biex iressaq lill-Kunsill ta' Ġunju 2007, b'mod partikulari:
- plan direzzjonali kredibbli biex jiġu konklużi kuntratti mill-aktar fis possibbli,
  - soluzzjonijiet possibbli biex jiżguraw obbligi finanzjarji fuq perjodu ta' żmien twil,
  - possibiltà għal dispożizzjoni mill-aktar fis possibbli ta' servizzi ta' navigazzjoni bis-satellita EGNOS,
  - possibilitajiet alternattivi għat-twertieq tal-programm, b'mod speċjali għal spejjeż, riskju u prezz li jkun possibbli li jitħallas;
4. Jistieden lill-Kummissjoni biex tipproċedi b'rittmu mgħaġġel fir-rigward tal-leġiżlazzjoni relatata mas-suq regolat, ibbażat fuq il-Green Paper tal-Kummissjoni dwar l-Applikazzjonijiet tan-Navigazzjoni bis-Satellita, biex tiżgura plan ta' negozju kredibbli;
5. Jistieden lill-Kummissjoni biex twettaq proposta — flimkien ma' l-Aġenzija ta' l-Ispazju Ewropea — kapaċi li ssolvi l-problema ta' tmexxija pubblika aħjar billi tiżgura responsabbiltà u tmexxija ċara min-naħa tal-Kummissjoni;
6. Jistieden lill-Kummissjoni, fir-rigward tal-karatteristika Komunitarja tal-proġett, biex tirrispetta il-Ftehim ta' Qafas dwar relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni<sup>(1)</sup> u, b'mod partikulari, il-paragrafu 19 tagħha dwar ir-relazzjonijiet esterni, u b'hekk biex tiżgura li l-Parlament ikun infurmat b'mod sħiħ bl-implimentazzjoni tad-deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-Kummissjoni biex tinnegozja ma' pajjiżi terzi bil-ħsieb li tikkonkludi ftehim dwar is-sħubija assoċjata tagħhom għal parteċipazzjoni fl-Awtorità Superviżorja Galileo;
7. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżentalu rapport ta' progress wieħed sa nofs Lulju 2007 u ieħor ferm qabel ma n-negozjati jilhqqu l-punt ta' proposta riveduta għal bażi legali modifikata għal finanzjament tal-Programm Galileo ikun disponibbli;
8. Jistieden lill-Kunsill biex jiżgura li kwalunkwe dewmien ieħor għal dan il-proġett jibqa' flivell minimu;
9. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri.

<sup>(1)</sup> Ara l-Anness mad-Deċiżjoni tal-Parlament tas-26 ta' Mejju 2005 (ĠU C 117 E, 18.5.2006, p. 125).

**P6\_TA(2007)0165**

## **Id-Drittijiet tal-Bniedem fid-Dinja 2006 u l-politika ta' l-UE fir-rigward ta' dan**

### **Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' April 2007 dwar ir-Rapport Annwali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-Dinja 2006 u l-politika ta' l-UE fir-rigward ta' dan (2007/2020(INI))**

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra t-tmien Rapport Annwali ta' l-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (2006)<sup>(1)</sup>,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 3, 6, 11, 13 u 19 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 177 u 300 tat-Trattat KE,

<sup>(1)</sup> Dokument tal-Kunsill 13522/1/2006.